Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 48/15

**Minuti tal-48 laqgħa li saret nhar il-Sibt 7 ta' Frar fil-11:30 am**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fil-11:30 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-President Samuel Azzopardi, il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri, Mario Azzopardi, David Apap, Anthony Cassar, Frans Cauchi, Salvu Borg, Joe Cordina, Nicky Saliba, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

1. Intqalet t-talba. Inqraw il-minuti. Il-minuti tat-47 laqgħa ġew approvati unanimament.

2. **Korrispondenza**

2.1 Mingħand is-Sur Martin Attard tal Guard and Warden House Services ltd. Fejn informa li skont kif jistipola l-kuntratt b'effett mill- 1 ta' Jannar 2015 ġiet miżjuda l-COLA u l-prezz ser jogħla bi 15-il ċenteżmu ta' Ewro kull siegħa.

2.2 Mingħand Dr Karsten Xuereb sabiex issir laqgħa mal-Fondazzjoni Valletta 2018 sabiex issir laqgħa nhar il-Ħamis 19 ta' Frar fis-6:30 pm.

3. **Proġett u devoluzzjoni Street Lighting andament u żviluppi**

3.1. Il-President spjega kif fl-aħħar żviluppi l-Kumitat Reġjonali ma kienx qed jingħata garanzija tas-sostenibiltà tas-sistema tal-street lighting u kif dan l-aħħar xahar ma kienx qed jiġi konsultat fuq il-pakkett finanzjarju li ser jgħaddi lill-Kumitat Reġjonali sabiex ikun jista' jħaddem is-sistema tal-*street lighting.*

3.2 Il-Kumitat Reġjonali stqarr li sakemm mhux ser jingħata garanzija li s-sistema tal-*street lighting* ser tkun sostenibli, ser iwaqqaf id-diskussjonijiet dwar il-proċess ta' devoluzzjoni. Dan qed isir fid-dawl ukoll li l-Kumitat Reġjonali qed jesperjenza problema ta' sostenibiltà fis-sistema tal-infurzar lokali. Għalhekk ikun irresponsabbli minn naħa tal-kumitat reġjonali li jassorbi settur ieħor li jista' joħloq ukoll problemi finanzjarji.

4. **Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Il-Kumitat Reġjonali ddiskuta l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u approva unanimament l-bonus għall-massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tas-Segretarju.

5. **Gozo Regional Committee fi ħdan l-MCESD**

5.1 Il-membri tal-Kumitat Reġjonali rappreżentati fil-Gozo Regional Committee fi ħdan l-MCESD, fejn ġie nnotat in-nuqqas ta' attendenza. Il-Kumitat Reġjonali ddiskuta din il-

materja. Is-Sur Joe Cordina (membru) stqarr li waqt li inizjalment dan il-kumitat kellu skop tajjeb, illum mhux qed jilħaq l-iskop li għalih twaqqaf. Fid-dawl tal-elezzjoni li jmiss fix-xahar t'April fejn ġewwa Għawdex hemm 8 elezzjonijiet għall-kunsilli Lokali, il-Kumitat Reġjonali ser jistenna l-eżitu ta' dawn l-elezzjonijiet sabiex iġedded ir-rappreżentanza tiegħu fil-Gozo Regional Committee fi ħdan l-MCESD.

**6. Sehem fil-European Youth Orchestra**

6.1 Is-Segretarju nforma li bħas-snin l-imgħoddija r-Reġjun ġie mistieden mir-Reġjun ta' Aquitaine sabiex jibgħat mużiċisti żgħażagħ sabiex jifforma parti minn Orkestra Ewropeja taż-żgħażagħ. Huwa nforma li dan ser isir bejn is-7 u l-14 ta' Mejju. Bħala surmast adult li ser jakkumpanja lil dawn iż-żgħażagħ ser ikun Mro. Mark Gauci. L-ispejjez tal-ajru tal-Mro. Mark Gauci ser jiġu koperti mill-Kumitat Reġjonali. Bħala spejjeż tal-ajru tal-istudenti ntalbet il-kooperazzjoni tal-Kunsilli Lokali skont il-lokalita' minn fejn ġejjin l-istudenti. Dan sabiex l-ispejjeż tal-ajru tal-istudenti jiġu koperti mill-Kunsilli Lokali.

**7. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

7.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 3 illi tammonta għall-€ 24,624.26 ġiet approvata kif annessa ma dawn il-minuti.

7.2 Peress illi ma kienx hemm affarijiet oħra x'niddiskutu, il-laqgħa ntemmet fis-12:30 pm.

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020
TEL: 21561653 FAX: 21563355